MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 905/2011

Aplan Limited (C-2450).

Vs

Fatima Werfally (Id. 342999M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u hmistax-il Ewro u disa u sebghin centezmu (€415.79) minghand il-konvenuta, in konnessjoni ma *computer hardware* mixtri minghand is-socjeta' attrici. U minkejja li giet interpellata thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2011 fejn deheret il-konvenuta u ammettiet it-talba attrici kif dedotta kontra taghha.

Ghaldaqstant, in vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenuta, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ erba mija u hmistax-il Ewro u disa u sebghin centezmu (€415.79), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------